MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## ANTHONY ELLUL

Seduta tad-19 ta' Dicembru, 2014

Citazzjoni Numru. 1067/2012

**Mary Balzan**

**Vs**

**David Jaccarini**

Permezz ta' rikors prezentat fl-24 ta' Ottubru 2012, l-attrici ppremettiet u talbet:-

*Illi l-esponenti hija l-proprjetarja ta' nofs indiviz tal-fond numerat ufficjalment 70, "Villa Davita", Triq l-Gharbiel, Swieqi, filwaqt li hija tgawdi titolu ta' uzufrutt fuq in-nofs indiviz rimanenti tal-istess fond;*

*Illi l-fond fuq imsemmi kien okkupat minn l-intimat David Jaccarini minghajr l-ebda titolu validu fil-ligi;*

*Illi l-esponenti kellha tipprocedi kontra tieghu b'kawza sabiex jigi kostrett iroddilha lura l-pussess battal tal-fond;*

*Illi bis-sahha ta' sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Rik. Guramentat Numru 196/2011 JA) tat-30 ta' April 2012 fl-ismijiet Balzan Mary vs Jaccarini David (Dok. A), l-intimat David Jaccarini gie ordnat jivvaka l-fond stante' li kien qieghed jokkupah minghajr titolu validu fil-ligi;*

*Illi l-intimat David Jaccarini radd lura l-pussess tal-fond fil-31 ta' Awissu 2012;*

*Illi l-intimat injora t-talbiet ripetuti tal-esponenti sabiex ma jnehhix is-servizzi tad-dawl u tal-ilma mill-fond u minflok idawwar l-istess servizzi ghal fuq isem l-esponenti;*

*Illi sallum il-fond ghadu minghajr l-imsemmija servizzi u dana minghajr l-ebda htija tal-esponenti;*

*Illi l-esponenti sofriet danni ingenti bhala konsegwenza tal-inadempjenza tal-intimat li jrodd lura l-fond hekk kif gie mitlub jaghmel hekk mill-esponenti;*

*Illi l-esponenti ghadha ssofri danni bhala konsegwenza tal-fatt li l-fond ghadu minghajr is-servizzi tad-dawl u tal-ilma wara li l-intimat, kontra l-oppozizzjoni espresso tal-esponenti, ittermina l-imsemmija servizzi.*

Għaldaqstant, l-attrici titlob għar-raġunijiet premessi, lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

*1. Tiddeciedi u tiddikjara illi l-intimat ikkawza danni ingenti lill-esponenti bhala konsegwenza tal-inadempjenza tieghu li jrodd lura l-fond 70, "Davita", Triq l-Gharbiel, Swieqi, minkejja li kien qieghed jokkupah minghajr l-ebda titolu validu fil-ligi;*

*2. Tiddeciedi u tiddikjara li l-esponenti sofriet u ghadha ssofri danni ingenti bhala konsegwenza tal-fatt li l-intimat David Jaccarini nehha s-servizzi tad-dawl u tal-ilma mill-imsemmi fond u dana minkejja l-oppozizzjoni espresso tal-esponenti;*

*3. Tillikwida d-danni li sofriet l-esponenti bhala konsegwenza tas-suriferit;*

*4. Tordna u tikkundanna lill-intimat David Jaccarini jhallas lill-esponenti dawk id-danni li ghandhom jigu hekk likwidati minn dina l-Onorabbli Qorti.*

*Bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju prezentat kontestwalment, kontra l-intimat David Jaccarini li huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni.*

Il-konvenut wiegeb:-

*1. Illi t-talbiet rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda;*

*2. Illi r-rikorrenti hija omm il-mara tal-intimat (li huma separate de facto) u l-fond mertu tal-kawza kien qieghed jintuza minnhom bhala d-dar matrimonjali;*

*3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-fond in kwistjoni ma kienx jintuza mill-intimat biss izda wkoll mill-erba' wliedu (neputijiet tar-rikorrenti) li tlieta minnhom kienu gia maggiorenni;*

*4. Illi in oltre', l-mara tal-intimat u cioe' bint ir-rikorrenti kellha wkoll access ghall-istess fond;*

*5. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, m'huwiex minnu li l-intimat ivvaka l-fond mertu tal-kawza odjerna fil-31 t'Awissu 2012, izda qabel;*

*6. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-proprjeta' mertu tal-kawza hija maqsuma f'zewg fondi abitabbli u huwa fond wiehed minnhom biss li kien qieghed jintuza mill-intimat, martu u uliedu. Illi ghalhekk, il-fond l-iehor seta' facilment jintuza mir-rikorrenti;*

*7. Illi fir-rigward tal-meters tad-dawl u tal-ilma, nonostante li l-proprjeta' kienet maqsuma f'zewg fondi distinti (li wiehed minnhom kien jinkera lil terzi ghal diversi snin), dawn il-meters kienu f'isem l-intimat wahdu u hu biss kien ihallas il-kontijiet kollha taz-zewg fondi minkejja li kien juza s-servizzi f'wiehed minnhom biss. L-intimat baqa' ma thallasx mir-rikorrenti ghal dak il-konsum relatat mal-fond l-iehor u dan minkejja diversi talbiet ghall-hlas u ghalhekk, gia la darba l-fond minnu uzat gie vvakat mill-intimat u minn uliedu, hu ttermina l-kont relattiv ma' l-ARMS;*

*8. Illi l-intimata ma soffriet l-ebda dannu fir-rigward tal-meters tad-dawl u tal-ilma kif minnha allegat;*

*9. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.*

Fis-17 ta' Jannar 2014 inghata sentenza preliminari. Fadal x'jigi deciz il-meritu dwar:

a. It-talbiet tal-attrici;
b. It-talbiet numru tlieta sa sitta tar-rikonvenzjoni.

**Talbiet tal-attrici**.

L-attrici qeghda tippretendi hlas ghal:

i. Telf ta' qliegh li tghid li sofriet minhabba li l-konvenut ma harigx mill-fond meta talbitu lura c-cwievet u ghalhekk ma setatx tikrih. B'digriet tal-1 ta' Novembru 2012 il-qorti talbet lill-attrici sabiex *'tispjega x'inhuma d-danni li kkawza l-konvenut'* (fol. 14). F'nota li pprezentat fit-30 ta' Novembru 2012 (fol. 24) qalet:

*"Kif spjegat fir-rikors guramentat, id-danni jikkonsistu **fil-mancato guadagno** li sofriet l-attrici bhala konsegwenza tan-nuqqas ta' l-intimat David Jaccarini milli jivvaka mill-fond 70, Villa Davita, Triq l-Gharbiel, Swieqi, minkejja li kien qieghed jokkupah minghajr l-ebda titolu validu fil-ligi".*

Kompliet tghid:

*"8. Qieghda nannetti ma' dina n-nota bhala Dokument MB2 rapport redatt mill-perit Wallace Farrugia li minnu jirrizulta li l-valur lokatizju tal-fond huwa ta' €1,500...* ***Jiena qieghda nippretendi li nigi rizarcita <u>tan-nuqqas ta' introjtu</u> li sofrejt minhabba l-intransigenza assurda ta' David Jaccarini****. Jiena kont tajt lil David Jaccarini sat-13 ta' Mejju 2010 sabiex iroddli lura l-pussess tal-fond, u ghalhekk nippretendi li d-danni ghandhom jigu komputati mit-13 ta' Mejju 2010 sa dakinhar li nkun nista' nerga' nikri l-fond".*

L-attrici kompliet tghid li kienet talbet lura l-pussess tal-fond b'ittra tal-14 ta' April 2010, li nghatat twegiba ghaliha b'ittra tas-26 ta' April 2010 (fol. 10).

Fl-affidavit (fol. 46) irrepetiet:

*"Nippretendi li nigi mhallsa* ***l-kera li tlift*** *bhala konsegwenza tal-fatt li David Jaccarini ma tanix il-post lura minkejja li gustament tlabtulu lura, hekk kif jirrizulta mill-ittra li kienet giet miktuba lil David Jaccarini minn l-Avukat Paul Farrugia fl-14 ta' April 2010"* (enfazi mizjuda).

B'sentenza tat-30 ta' April 2012 fil-kawza **Mary Balzan vs David Jaccarini** (196/11JA), il-qorti ddikjarat li Jaccarini m'ghandux titolu ta' kommodat[1] u kkundannatu sabiex fi zmien tlett (3) xhur jizgombra minn gewwa l-fond.

Jekk l-attrici ghandha dritt ghal telf ta' qliegh, dan ikopri l-perjodu minn meta talbet lura l-pussess tal-fond[2]. Fin-nota li pprezentat fit-30 ta' Novembru 2012, l-attrici spjegat li bl-agir tieghu l-konvenut *"..... qieghed jikkawzali danni sostanzjali.* ***Jiena mara anzjana u niddependi mill-kirjiet sabiex nghix****"* (fol. 25). Kliem li jkompli jikkonferma li l-attrici qeghda tippretendi telf ta' qliegh minhabba li mit-13 ta' Mejju 2010 ma setatx tikri l-fond[3] ghaliex kien okkupat mill-attur.

Il-perit tekniku rrelata li l-valur lokatizju tal-fond hu ta' €700 kull xahar (fol. 86). Il-fond kien iservi bhala d-dar matrimonjali tal-konvenut u martu. Irrizulta li f'xi zmien matul is-sena 2009 Marguerite Jaccarini, bint l-attrici, ma baqghetx

---

[1] Dan hu t-titolu li nvoka Jaccarini fit-twegiba guramentata.
[2] Ghalkemm il-konvenut ma kellux titolu ta' kommodat, il-qorti hi tal-fehma li sakemm talbitu lura l-pussess tal-fond kienet qeghda tittollerah li jghix hemm.
[3] Ara paragrafu 8 tan-nota prezentata fit-30 ta' Novembru 2012.

tirrisjedi fil-fond. Ghalkemm eventwalment il-konvenut hareg mill-fond[4], jidher li l-fond ghadu battal cjoe' ma giex mikri. Mill-provi hu evidenti li qabel il-fond jinkera hemm bzonn li jsiru diversi xogholijiet u jidher li s'issa dawn ghadhom ma tlestewx (ara deposizzjoni ta' Marguerite Jaccarini, fol. 95). L-attrici xehedet:

*"Nikkonferma li kien hemm min hu nteressat li jikriha d-dar, kemm bhal furnished u wkoll mhux furnished imma jien ghadni ma hadtx decizjoni. Mistoqsija ghalfejn nghid minhabba l-finanzi. Mistoqsija mill-qorti x'finanzi ghandi bzonn jekk ser nikriha vojta, nghid ghax hemm hafna affarijiet x'isiru u ghadni ma rrangajtx"* (fol. 74).

F'dan ix-xenarju l-qorti m'hijiex konvinta li kieku l-attrici kellha l-pussess tal-fond fil-perjodu li l-konvenut kien qieghed jokkupah bla titolu, kienet ser tikrih. M'hemmx dubju li kien hemm dewmien min-naha tal-konvenut fir-rilaxx tal-proprjeta pero' m'hemmx prova li tali dewmien wassal biex l-attrici ma setatx tikri l-fond. Konkluzjoni li l-qorti qeghda tasal ghaliha meqjus li ma saritx prova li wara li l-fond gie rilaxxat l-attrici pprovat tikri[5].

ii. Ghal dak li jirrigwarda s-servizz tad-dawl u ilma, m'hemmx dubju li kien b'kapricc li l-konvenut nehha s-servizz minn fuq ismu. Meta gie biex johrog mill-fond ma kellu jkun hemm l-ebda diffikulta' sabiex jittrasferixxi s-servizz ghal fuq isem l-attrici jew martu. Madankollu hu evidenti li minhabba l-pika familjari ghamel ta' rasu. Madankollu l-attrici ma tatx prova li hallset xi flus biex rega' nghata s-servizz. Fil-fatt Eric Montfort, ufficjal tal-Enemalta, xehed li Rita Jaccarini kienet applikat biex jinghata servizz gdid; *"Nikkonferma wkoll li l-meter gie nstallat fil-fond Villa Da Vita, Triq l-Gharbiel, Swieqi. Id-data tal-installazzjoni hi 20 ta' Novembru 2013"* (fol. 71). M'hemmx prova li l-ispiza li setghet saret biex nghata servizz gdid, saret mill-attrici.

**<u>Rikonvenzjoni</u>**.

1. Il-konvenut jippretendi hlas minghand l-attrici ta' flus li jallega li sellifha, in kwantu ghal Lm5,120.30 (€11,927.09) fis-sena 2002 u Lm2,500 (€5,823.43) self li nghata fis-sena 2004 (ara nota tal-11 ta' Jannar 2013, fol. 40). Self li jsostna li kien inghata lill-attrici ghan-negozju taghha.

[4] L-attrici ddikjarat li dan sehh fil-31 ta' Awissu 2012. Il-konvenut ikkontesta din il-verzjoni (fol. 17) u fis-seduta tas-7 ta' Dicembru 2012 id-difensur tieghu ddikjara li fil-31 ta' Lulju 2012 hareg mid-dar (fol. 35).

[5] **Marguerite Jaccarini xehedet: *"Ghalissa fid-dar ghadna ma ghamilna xejn biex tinkera d-dar. Tiswijiet saru. Sinjali to let ma ghamilniex. Lanqas reklami fil-gazzetti ma ghamilna"* (fol. 76).**

Mill-provi rrizulta li fis-sena 2005 il-konjugi Jaccarini hadu self mill-Bank of Valletta plc fl-ammont ta' Lm5,120.30 (fol. 43). M'hemmx kontestazzjoni li s-self ittiehed ghan-negozju tal-pompa tal-petrol.

Fit-twegiba guramentata l-attrici qalet:

*"10. Illi David Jaccarini ghandu jipprova li huwa tassew ghadda flejjes lill-esponenti ghall-htigijiet tan-negozju taghha. Apparti minn hekk, minghajr pregudizzju ghas-suespost, huwa ghandu minn issa jghid ezattament x'ammonti kien allegatament ghadda lill-esponenti, u x'inhuwa l-bilanc li skond hu huwa dovut"* (fol. 32).

Jirrizulta li fl-20 ta' Ottubru 2005 l-attrici ghamlet affidavit fejn iddisponiet hekk:

*"It-Tieni Artikolu.*

*It-Testatrici thalli titolu ta' prelegat konsegwibbli wara mewtha in piena u assoluta proprjeta lil bintha Marguerita Jaccarini u zewgha David Jaccarini, f'sehem ugwali bejniethom, ammont fi flus, ekwivalenti ghall-bilanc li jkun ghadu pendenti fid-data tal-mewt tat-Testatrici, fuq is-segwenti loan accounts mal-Bank of Valletta plc – numru erba' zero zero wiehed erba' zero seba' tnejn tlieta tmienja hamsa (40014072385) u erbgha zero zero wiehed wiehed tmienja zero tmienja zero zero (4001180800).*

*It-Testatrici qeghed tillimita dan il-legat ghall-kapital ezistenti fiz-zewg loan accounts sad-data ta' llum u l-imghax li jiddekorri fuqu sad-data tal-mewt taghha".*

*It-Tielet Artikolu:*

*It-Testatrici thalli titolu ta' legat konsegwibbli wara mewta in piena u assoluta proprieta ghal darba wahda biss lil fuq imsemmi David Jaccarini s-somma ta' elfejn u hames mitt Liri Maltin (Lm2,500)".*

Dwar l-allegat self l-attrici ma tatx il-verzjoni taghha.

Jirrizulta li fis-sena 2005 il-konjugi Jaccarini nghataw facilita ta' overdraft mill-Bank of Valletta plc (fol. 43). Skond Marisa Scerri, ufficjal tal-bank, *"Kien hemm ukoll overdraft. Irrizulta li l-overdraft, meta ttiehdet, kienet intalbet ghal hanut tal-helu, confectionery shop. Fil-file kien hemm ukoll notament li Marguerite Jaccarini kienet marret il-bank u qaltilhom illi dawn il-flus fir-realta' qatt ma gew uzati ghal skopijiet ta' confectionery shop* ***imma bhala ghajnuna finanzjarja ghall-petrol station****; Balluta Petrol Station...... L-overdraft kien ta' hamest elef liri Maltin"* (fol. 156).

Hemm verzjonijiet kontrastanti dwar jekk in-negozju tal-pompa tal-petrol kienx qieghed jigi gestit fl-interess tal-attrici jew tal-familja Jaccarini. Il-qorti temmen li kien fl-interess tat-tnejn. Marguerite Jaccarini xehedet li damu tlett snin joperaw il-pompa. Wara li l-qorti kkunsidrat il-provi, tikkonkludi:-

i. Meta ttiehed l-overdraft il-hsieb kien li l-hlas ser ikun qieghed isir mill-gestjoni tan-negozju. Tant hu hekk li fit-testment, li l-attrici ghamlet ftit xhur wara li ttiehed l-overdraft, jinghad li l-legat kien ammont ta' flus *"**ekwivalenti ghall-bilanc** li jkun ghadu pendenti fid-data tal-mewt tat-testatrici"*. Kliem li jaghti lill-qorti x'tifhem li l-intenzjoni kienet li mid-dhul tan-negozju kien ser ikun qieghed jithallas lura d-dejn. Kieku ma kienx hekk kien sempliciment jinghad li l-legat hu ta' Lm5,120.30 (€11,927.09), kif inghad fir-rigward tas-somma ta' Lm2,500. Sahansitra ghalkemm fl-istess disposizzjoni testamentarja jissemma self iehor li l-konjugi Jaccarini hadu f'isimhom minghand il-Bank of Valletta, il-konvenut ma jippretendix li l-attrici hi debitrici fir-rigward ta' dak is-self li ha flimkien ma' martu minghand l-istess bank. Dejn li mill-provi rrizulta li thallas kollu.

ii. Hu fatt li l-konvenut ressaq bhala xhieda lill-uliedu li qalu li l-attrici kienet isselfet flus minghand il-konvenut u li n-negozju tal-pompa tal-petrol qatt ma kien gestit minnu. Deher evidenti li t-tfal qeghdin jigbdu l-habel tal-missier u li hemm relazzjoni hazina hafna ma' ommhom u l-familja taghha. Minkejja l-verzjoni li nghatat mill-konvenut u wliedu, il-qorti ma temminx li l-familja Jaccarini dahlu fin-negozju tal-pompa tal-petrol u sahansitra hadu facilita bankarja bhala att ta' karita' ghall-attrici.

iii. Jirrizulta li mhux daqstant zmien wara li l-konjugi Jaccarini hadu l-facilita' tal-overdraft, ma komplewx joperaw il-pompa tal-petrol. Apparti l-ispejjez kbar u qliegh ridott, jidher li Marguerite Jaccarini ma kenitx qeghda tlehhaq bejn l-impenji tal-familja u n-negozju (ara deposizzjoni ta' Anna Abdilla, 14 ta' Gunju 2013 a fol. 96). Ghalhekk il-konjugi Jaccarini volontarjament ma komplewx imexxu n-negozju. Fil-fehma tal-qorti gialadarba hadu din id-decizjoni ma ghandhomx dritt jippretendu l-hlas relatat mal-overdraft li ttiehed mill-bank. Il-qorti temmen li bil-mod kif gie redatt it-Tieni Artikolu tat-testment tal-attrici, id-dejn mal-bank kellu jithallas lura mill-introjtu tan-negozju. Ir-raguni

> tghidlek li kieku dan kien kaz ta' semplici mutwu li nghata lill-attrici, ma kienx ser jinghad li l-legat jikkonsisti **fil-bilanc** li jkun *"…. ghadu pendenti fid-data tal-mewt tat-Testatrici"* imma li l-attrici thallas lura s-somma ta' Lm5,120.30 bl-imghax. Hu veru li l-konvenut ma kienx parti ghat-testment, madankollu hu stess qal: *"Kienet Mrs Balzan li tatni kopja tat-testment.* ***Ilu ghandi xi hames snin****"*. Pero' ma jirrizultax li l-konvenut qatt ipprotesta fir-rigward ta' dak li jinghad fit-testment. Fatt li jatik x'tifhem li t-testment jirrifletti dak li fir-realta' ftehemu l-partijiet.

Ghal dak li jikkoncerna s-somma ta' **€5,823.43**, il-qorti hi moralment konvinta li l-attrici obbligat ruhha li thallas lura dik is-somma. Flus li jidher li ntuzaw ghall-ispejjez relatati man-negozju tal-pompa tal-petrol. Marguerite Jaccarini xehedet dwar dan, ghalkemm qalet li s-somma kienet ta' Lm2,000 (seduta 14 ta' Gunju 2013, fol. 94). Hu veru li fid-disposizzjoni testamentarja l-attrici ma ddikjaratx espressament li hi debitrici tal-konvenut. Meqjus dak li xehed il-konvenut il-qorti hi tal-fehma li l-attrici kellha tispjega x'wassalha biex taghmel dik id-disposizzjoni jekk riedet tirribatti l-verzjoni tal-konvenut.

Madankollu jibqa' 'l fatt li skond dik id-disposizzjoni l-hlas kellu jsir wara li tmut l-attrici, ovvjament mill-werrieta taghha. Hu minnu li dak li nghad fit-testment hu biss dikjarazzjoni unilaterali. Ghalkemm il-konvenut qal li ma kienx involut fit-thejjija tat-testment, hu evidenti li accetta li jithallas wara mewt l-attrici. Il-qorti hi konvinta li dak kien l-arrangament mal-konvenut. Tant hu hekk li kien biss wara li l-attrici pprezentat din il-kawza li l-konvenut ha passi biex jirkupra l-flus li sellef lill-attrici. Fil-fehma tal-qorti 'l fatt li t-testment sar f'Ottubru 2005 u kien biss wara li l-attrici pprezentat il-kawza li l-konvenut ha passi gudizzjarji, hu ndizju li l-ftehim kien li l-hlas isir wara l-mewt tal-attrici. Il-konvenut xehed: *"Jien qatt ma ghaddieli minn mohhi li nikteb lil Balzan ghall-flus ghax* ***<u>din hija settled ghaliex kelli t-testment</u>****"* (fol. 59). Ghaldaqstant ghalkemm jezisti l-kreditu, it-talba ghall-hlas hi intempestiva. Fl-ahharnett peress li Marguerite Jaccarini m'hijiex parti ghal dawn il-proceduri, m'huwiex il-kaz li l-qorti tiddeciedi jekk dan il-kreditu huwiex parafernali tar-ragel jew tal-komunjoni tal-akkwisti.

2. Il-konvenut jippretendi wkoll hlas ghall-konsum ta' dawl u ilma fil-fond 70, Villa Davita, Triq l-Gharbiel, Swieqi, peress li jsostni li l-attrici kienet kriet parti mill-fond lil terzi[6]. Il-konvenut jippretendi hlas ta' nofs il-kontijiet relatati mal-konsum ta' dawl u ilma u kiri ta' meters. Fis-sentenza preliminari tas-17 ta' Jannar 2014 il-qorti cahdet l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni fir-rigward tal-kontijiet ta' Gunju 2008, Marzu 2009 u Awissu 2009. L-attur jippretendi li l-attrici kellha thallas nofs il-kontijiet. Il-qorti m'hijiex konvinta li saret prova sodisfacenti li matul dak iz-zmien l-attrici kienet qeghda tikri l-garaxx li l-konvenut u martu kienu kkonvertew f'sular abitabbli. Ghalhekk it-talbiet hamsa (5) u sitta (6) ser jigu michuda.

---

**[6] F'nota prezentata fil-11 ta' Jannar 2013 spjega li jippretendi hlas ghall-perjodu 2007 sal-2009, *"….. u cjoe' l-perjodu li fih il-flat sottostanti kien mikri lil terzi"*.**

**Ghal dawn il-motivi l-qorti tiddeciedi:**

1. **Tichad it-talbiet tal-attrici bl-ispejjez kontra taghha.**
2. **Fir-rigward tar-rikonvenzjoni:**

   i. **B'riferenza ghat-tielet u raba' talbiet:-**
      (a) **Tiddikjara li l-attrici hi debitrici ta' David Jaccarini limitatament fir-rigward tas-somma ta' €5,823.43[7].**
      (b) **Tiddikjara li t-talba ghall-hlas ta' din is-somma hi intempestiva;**

   ii. **Tichad il-hames u sitt talbiet tar-rikonvenzjoni.**

**Spejjez relatati mar-rikors guramentat, inkluzi dawk tal-perit tekniku, huma a karigu tal-attrici. Spejjez relatati ma' dik il-parti tar-rikonvenzjoni deciza llum jinqasmu in kwantu ghal 75% a karigu tal-konvenut u 25% a karigu tal-attrici**[8].

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------

[7] Tibqa' ovvjament impregudikata l-materja dwar jekk martu ghandhiex jeddijiet fuq din is-somma.

[8] Il-konvenut ghandu jaghmel tajjeb f'sehem iktar tal-ispejjez ghaliex mhux it-talbiet kollha ntlaqghu u fejn intlaqghet talba din kienet ghal somma inqas minn dak li ppretenda.